MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 48**

**It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**48.1 Talba**

48.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**48.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.


Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex
Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

S. Borg

## 48.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 46 u 47

48.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 46 u 47 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

## 48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

48.4.1 Attenda għall-laqgħa tas-Sindki, l-Viċi Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi li nżammet mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġewwa Westin Dragonara Resort f'San Ġiljan. Dan dwar it- 30 sena ta' Gvern Lokali – Il-Pass li jmiss.

48.4.2 Hemm bżonn li jinxtraw ix-xtieli tal-penżjeri sabiex jiġġeddu l-qsari ta' madwar il-Knisja, ta' fejn il-monumenti, ta' fejn ir-railing l-isfel mil-knisja, ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill u l-Belveder fi Triq Għajn Tuta. Kien hemm qbil.

48.4.3 Biex terġa titqassam l-ikla tal-anzjani f'Jum il-Milied li titqassam lill-anzjani kollha li jgħixu waħedhom. Il-Viċi Sindku semmiet sabiex nibgħatu l-ikla lil kulħadd. Is-Sindku talabha biex tinfurmha lil kunsill b'min ma ngħatax. Kien hemm qbil li ssir l-ikla.

48.4.4 Ġiet ordnata l-irħama tal-inawgurazzjoni għall-proġett tal-porfido ta' wara l-Knisja Parrokjali u parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali li se tiġi inawgurata f'Jum il-Fontana, mis-Sindku.

48.4.5 Għandna sitwazzjoni fejn il-ħsarat tal-bozoz ma humiex qed jiġu ndirizzati mill-kuntrattur eżistenti. Il-ħsarat fil-bozoz ta' Fontanella Gardens ma tranġawx u hawn żewġ bozoz ilhom żmien li ġew irraportati u baqgħu ma sarux. Baqa wkoll fanal fi Triq is-Sajjieda li għadu ma sarx. Dan minkejja li għaddew xahrejn minn meta issemma li għadu ma sarx fil-minuti ta' Settembru, kif ukoll madwar sitt lampi minn ta' qabel li jridu jinqalgħu. Il-Kunsill ġiet mara tilmenta fil-preżenza tiegħi u tas-Segretarja li fi Triq is-Sajjieda hemm bozza u fanal jixgħelu fejn xulxin u qed joħolqu inkonvenjenża. Is-Sindku qal li dan ma jistax jkompli, għalhekk għar-raġuni li hemm ħafna lmenti ġustifikati minn residenti, kien hemm qbil unanimu li nqabbdu lil Joe Louis Caruana.

48.4.6 Sar il-ħlas mir-Reġjun Għawdex għal ġbir ta'reċiklaġġ u tal-ħġieġ, kif ukoll irċivejna l-pagament mingħand il-Lesa li huwa 10% mill-ħlasijiet ta' tickets mħallsa l-kunsill fix-xhur ta' Awwissu, Settembru, Marzu -Ġunju 2022 kif ukoll ta' Diċembru 2021.

48.4.7 Biex tinżamm laqgħa tal-Kommunita nofs siegħa qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss numru 49.



S. Boy

48.4.8 Nkellmu lil Michael Buġeja u lil Frankie Camilleri, s-Segretarju Għaqda Armar Fontana biex bħas-soltu jagħmlu it-tiżjin tal-Milied fit-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant u fi Triq il-Għajn bejn Pjazza Tomba u l-Knisja Parrokjali rispettivament. Kien hemm qbil.

48.8.9 Nibgħatu lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Għajn minħabba li tinsab fi stat ħażin.

**48.5 Statwa ġdida tal-Qalb ta' Ġesu' għall-festa u r-Restawr ta' Statwi San Pietru u San Pawl.**

48.5.1 Fis-6ta' Novembru flimkien mas-Sindku ltqajna mas-Sur Michael Cutajar Zahra u sar il-ħlas ta' €933 li huwa terz mill-ispiża totali ta' €2800 bħala depożitu fuq ix-xogħol. Sar ftehim permess ta' ittra li ġiet iffirmata mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u S-Sur Michael Cutajar Zahra fejn ġie maqbul li l-istatwa għandha tkun lesta sa l-aħħar ta' Mejju 2023 sabiex tintuża għall-festa tfal fl-okkazjoni tal-festa titulari. Se jkun qed jipprepara wkoll sketch oriġinali tal-istatwa. Il-bilanċ dovut ta' €1867 jkun qiegħed jitħallas mat-tlestija tal-istatwa.

Is-Sindku semma li ltaqgħa mall-Perita Ivana Farruġia flimkien mall-Kappillan fejn raw l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fuq il-knisja u evalwaw il-ħsara li fihom. Jidher li pedestal minnhom huwa mikul mill-melħ pero l-istatwi ma humiex. Il-Perita Farruġia nfurmatna li min-naħa tal-uffiċċju tal-proġetti fi ħdan id-Djoċeżi ta' Għawdex huma lest li jipprovdi s-servizz ta' Perit tar-restawr. Dan sabiex tkun tista taħdem mas-Surveyor/Draughtsman li jkun ġie mqabbad mill-Kunsill u tipprepara d-dokumenti li jwasslu sabiex tista tiġi sottomessa l-applikazzjoni mall-Awtorita tal-Ippjanar. Il-Kunsill jrid ukoll jieħu ħsieb sabiex isir scaffolding mal-parti ta' fuq tal-knisja sabiex jkun jista jsir ix-xogħol. Se jiġi ppreparat kuntratt sabiex jiġi ffirmat mill-Kappillan, l-Kunsill u l-Kurja sabiex ikun jista jibda l-proċess.

**48.6 Proġett ta' tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku.**

48.6.1 Fl-11ta' Novembru 2022 ingħatajna ċ-ċavetta tal-propjeta 189/190 fi Triq tal-Għajn kantuniera ma Triq ta' Mulejja mill-Awtorita tal-Artijiet. Dwar l-arbli nirringrazzjaw lill-Kunsillier Carmel Farrugia li qed jieħu ħsieb il-ko-ordinament mal-Enemalta. Saru t-toqob mill-Kuntrattur s-Sur Anthony Micallef li ħadu fuq sitt sigħat il-waħda u b'hekk jonqos issa li jitwaħħlu l-arbli mir-Road Construction li jridu jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill peress li l-Enemalta se tipprovdi biss l-arbli għax ma għandux l-kuntrattur. Bgħattna l-Commencement Notice lil Perit Gordan Vella sabiex jkun jista japplika għall-Clearance. Il-karigu ta' Site Manager ingħata lil Sur Joseph Tabone fejn tagħna stima ta' €100 plus il-VAT kull ġimgħa għal matul il-perjodu li fih jkun qed isir ix-xogħol ta' twaqqigħ u taqtiegħ tal-blat kif ukoll ir-*'retaining wall'*. Kien hemm qbil.

**Il-Pussess ta' dan il-Fond**

Jum Storiku għal-Lokalita tal-Fontana meta wara aktar minn 26 sena minn meta t-tieni kunsill Lokali tal-Fontana kien applika biex jiġi devolut lilu dan il-post mid-Dipartiment tal-Artijiet propju il-post b'numru 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma

Triq ta' Mulejja. Wara ukoll aktar minn sittax il-sena qorti sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex, b'żewġ sentenzi fosthom waħda ta' Appell li ntrebħu mill-Awtorita tal-Artijiet u l-Kunsill, illum dan il-post ġie vakat u issa ġie f'idejn il-Kunsill wara kważi sena li ġie ffirmat il-Kuntratt ta' elf u tletin ewro fis-sena lil-Awtorita tal-Artijiet. Dan il-kuntratt ilu li ġie ffirmat mis-Sindku wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali fis-17 ta' Jannar 2022 u li jgħodd għal-perjodu mill-4 ta' Novembru li għadda.

Dan se jservi sabiex ikompli jinbena l-uffiċċju tal-Kunsill u spazju miftuħ li jkompli jgħaqqad il-playingfield u z-Zuntier.

Nirringrazzjaw lil min ta sehmu sabiex wasalna għall-ġurnata tal-lum. Illum stess ġie ffirmat il-Kuntratt tat-twaqqigħ mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali Fontana, mas- Sur Victor Ħili f'isem Little Rock Quarry Ltd sabiex jitkompla x-xogħol ta' l-aħħar fażi. Grazzi speċjali tmur lil Qalb Divina ta' Ġesu li għenitna matul dawn is-snin kollha biex fost l-oħrajn jissebbaħ quddiem is-Santwarju tiegħu. Din kienet ħolma tal-ħames Kappillan tal-Fontana, Monsinjur Lorenzo Xerri li minkejja li ilu li telaq mil-Fontana 53 sena sa din il-ġimgħa stess kien għadu juri l-interess tiegħu f'hiex wasal dan il-proġett. Grazzi wkoll lil Dr Chris Said li f'dawn l-aħħar xhur iggwidana biex jingħalaq dan il-każ.

### 48.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti

48.7.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li s-sejħa għall-offerti għall-tisbieħ tal-playingfield għalqet u rċivejna żewġ offerti:

Mark Attard – €61779.00
Road Structures Ltd - €63540.25

Kien hemm qbil li l-bord ta' evalwazzjoni għal din l-offerta għandu jkun kompost kif ġej:

Opening Staff – S-Sur Horace Micallef u s-Sinjura Miriam Muscat
Evaluators – S-Sur Jonathon Ċefai, s-Sindku, s-Sur Saviour Borg u l-Perit John Saliba
Chairperson – S-Sur William Sultana
Segretarju – S-Sinjura Heidi Grech

L-bieraħ ġie ffirmat il-Kuntratt għall-akkwist tal-Van Elettrika u għandha madwar erbgħa xhur sabiex tasal. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kuntrattur se jipprepara l-applikazzjoni sabiex l-Kunsill jieħu s-sussidju ta' Transport Malta.

### 48.8 Bye-Law – Użu tal-Faċilitajiet

48.8.1 Is-Segretarja ppreżentat draft tal-Bye-Law u ġie unanimament maqbul li d-drittijijet għall-użu tas-sala tal-Kommunita għandha tkun għal €100 kuljum għal kull attivita' u €50 kuljum għal skop ta' taħriġ edukattiv jew sportiv. Se jkun qed jiġi ppreparat id-draft bil-lingwa Ingliza sabiex tintbgħat għall-approvazzjonijiet meħtieġa mill-Ministru u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

### 48.9 Jum il-Fontana

48.9.1 Se jitqassam invit għall-Jum il-Fontana f'kull residenza. Se jsiru żewġ ħarġiet soċjo-kulturali, waħda f'Malta u oħra f'Għawdex. Il-Ħarġa ta'Malta li se ssir fl-4ta' Diċembru se nżuru Bormla fl-okkażżjoni tal-Kunċizzjoni, s-Suq ta' Marsaxlokk u l-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali. Il-Ħarġa ta' Għawdex nibdew b'ċelebrazzjoni tal-quddiesa f'Ta' Pinu, nżuru Santa Luċija, l-inħawi tal-Għadira kif ukoll l-inħawi tal-irdumijiet tas-Sanap u ċ-*Cittadella Visitors Centre,* barra minhekk l-attivita' prinċipali wara l-quddiesa ta' radd il-ħajr ser issir is-serata soċjo-kulturali li ssir fis-sala tal-kommunita u l-inawgurazzjoni tal-Proġett ta' tisbieħ bil-porfido wara l-knisja parrokjali u parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali mis-Sindku.

**48.10 Resurfacing ta' Parti minn Triq il-Għajn Fontana**

48.10.1 Inġabru l-istimi kollha relatati max-xogħolijiet ta' resurfacing li jinkludu wkoll l-istimi li jkopru s-servizzi tal-ilma u dranaġġ. Skont l-istimi preparati mill-MED Developers u wara li ġie maħdum l-ispejjeż li se jkunu qed ikopru l-WSC, id-differenza tibqa dik ta' €57,630. Kien hemm qbil unanimu li għandna nitolbu lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex jagħmel tajjeb għal din l-ispiża peress li din it-triq arterjali kienet sa mit-twaqqif tal-kunsilli responsabbli tal-Ministeru Għal Għawdex.. Għalhekk għandna niktbu lid-Direttur Ġenerali, s-sinjura Vicky Xuereb sabiex nressqu t-talba tagħna.

**48.11 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

48.11.1 Korrispondenza mingħand il-Local Council Association dwar il-possibilta li l-Kunsilli lokali jgħinu lil Hospice Malta billi joffru li jwasslu pażjenti minn djarhom lejn Hospice Malta.

48.11.2 Stedina mingħand Reġjun Għawdex għall-ikla b'rabta maċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Milied li ser issir is-Sibt, 10ta' Diċembru 2022.

48.11.3 Stedina mingħand id-Direttur Ġenerali għall-Konferenza Ġenerali dwar *'Training of Local Council Staff in Principles of Good Governance, Transparency and Accountability'* li hu ko-finanzjat min-Norway Grants u mplimentat mill-Gvern Lokali. Il-Konferenza ser tinżamm il-Ħamis, 15ta' Diċembru 2022 fit-8.30hrs. Min jixtieq jattendi jrid jinforma bl-attendenza tiegħu sa Tnejn, 28ta' Novembru 2022.

48.11.4 Korrispondenza mingħand il-Gvern Lokali dwar l-attivita' Rigal b'Imħabba li hija mtella minn Dr. Lydia Abela. Dawk interessati li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva huma mitluba jikkonfermaw sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 21ta' Novembru 2022.

48.11.5 Irċevejna ittra mingħand is-Sur Daniel James Cassar fejn infurmana li fuq parir li ingħata mill-Ministeru Għal Għawdex qed iressaq it-talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isir il-konkos u xibka fi Trejqet il-Ħarrub. Dan minħabba li ma kull xita qed jinġarr il-wiċċ kollu. Is-Sindku

rrimarka li snin ilu l-kunsill kien ġie nfurmat dwar Stop Notice li ħarġet l-Awtorita tal-Ippjanar fil konfront tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi minħabba xogħolijiet li saru bla permess. Barra minnhekk dan kien każ fejn minħabba xi xogħolijiet li saru spiċċaw il-qorti.

48.11.6 Korrispondenza mingħand il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali dwar il-Ħarsien u t-trattament xieraq tal-Annimali f'Avvenimenti Lokali.

48.11.7 Stedina mingħand l-AKL sabiex fl-okkażjoni tal-Milied ningħaqdu magħhom għal Gala Dinner li ser jiġi organizzat is-Sibt, 17ta' Diċembru 2022 ġewwa l-*Limestone Heritage Park and Gardens* is-Siġġiewi. Dawk li jixtiequ jattendu jridu jirreġistraw sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 28ta' Novembru 2022.

48.11.8 Korrispondenza minn Reġjun Għawdex dwar l-iskema ta żvilupp u titjib ta' Latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Fil-laqgħa li nżammet il-Ġimgħa, 18ta' Novembru, r-Reġjun iddiskuta din l-iskema u l-požizzjoni tiegħu hija li l-kunsilli lokali għandhom jibqgħu awtonomi u li r-responsabilta tal-operat tal-latrini pubbliċi għandha tibqa' f'idejn il-Kunsilli Lokali. Madanakollu, dawk il-kunsilli li jixtiequ jidħlu f'din l-iskema SPI.SCI.10.22 huma mitluba jibgħatu l-interess tagħhom sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2022.

Is-Sindku semma li fil-laqgħa nformali tar-reġjun li saret il-Ġimgħa, ġiet diskussa din l-iskema li minna se ningħataw €60,000 lil kull Kunsill u skont il-President tar-Reġjun ngħatajna il-parir li jekk se napplikaw sabiex issir automatic għandna nagħmluha ċara li ma aħniex lesti li ngħadduha lil ħaddieħor u li l-Kunsill ma jitlifx drittijiet fuqha. Minħabba li ma kienx hemm qbil li għandna napplikaw, ittieħed vot. S-Sindku u l-Kunsillier Carmel Farruġia ivvotaw favur li napplikaw bil-kundizzjoni li din tibqa f'idejn il-Kunsill filwaqt li l-Kunsilliera Horace Micallef, Jonathon Ċefai u Josephine Camilleri ivvutaw kontra li napplikaw.

48.11.9 Stedina mingħand il-Kummissarju tat-tfal sabiex nattendu għal half day seminar dwar il-Parteċipazzjoni tat-tfal fil-Kommunita li ser issir fit-28 u fit-30ta' Novembru fil-Marsa.

48.11.10 Korrispondenza mibgħuta id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-laqgħa ta' Konsultazzjoni għall-Strateġija Nazzjonali tal-Gvern Lokali li ġiet posposta għall-Ħamis, 24ta' Novembru 2022 ġewwa s-Sala tal-Kunsill Lokali l-Għarb. Kulħadd huwa mistieden jipparteċipa f'din il-konsultazzjoni.

48.11.11 Il-Kunsill irċieva l-Full Development Permission sabiex isiru x-xogħolijiet fuq l-*Underground Shelter* li jinsab fi Trejqet ix-Xagħri/Pjazza l-Għejjun. Is-Segretarju Eżekuttiv qeda tressaq Riżoluzzjoni bankarja sabiex issir garanzija bankarja għal ammont ta' €1200 li hija waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess PA/02795/22, hekk kif ġie stabbilit mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku ppropona li nressqu t-talba lill-Eco Gozo sabiex jgħina fix-xogħolijiet ħalli jsir il-ftuħ u r-restawr ta' dan ix-Xelter.

48.11.12 Korrispondenza mal-kumpanija Infinite Fusion dwar is-servizz tal-Life Streaming. Bħal ma ġie deċiż fil-laqgħa numru 46, ġiet mressqa t-talba sabiex il-Kunsill iħallas għas-servizz fuq bażi regolari skont kif ikun ġie utilizzat u mhux isir ħlas bil-quddiem. Il-Kumpanija nfurmatna li s-servizz jista jingħata biss jekk isir pagament ta' kull sena bil-quddiem. Is-Sindku semma li ir-Reġjun ma hemmx servizz ta' Life Streaming.

48.11.13 Korrispondenza mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar dwar tibdil fir-regolamenti eżistenti tar-regolamenti tal-Iżvilupp. L-Awtorita tilqa s-sottomissjonijiet sa mhux aktar tard mill-21ta' Novembru 2022.

48.11.14 Korrispondenza mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar fondi Ewropew – *Call for Proposals in support to the New European Bauhaus projects*, liema sejħa tagħlaq fid-19ta' Jannar 2023.

48.11.15 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mandat ta' inibizzjoni fuq is-sejħa għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv Lokali u Reġjonali. Is-sejħa ġiet għalhekk temporanjament sospiża.

48.11.16 Korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex dwar programm ta' attivitajiet relatati ma Jum San Valentinu li se jibda mil-Ġimgħa, 3 ta' Frar u jibqa għaddej sat-Tlieta, 14ta' Frar 2023. Għalhekk ġejna mitluba ninfurmawhom b'avvenimenti relatati sabiex jiġu nklużi fi programm wieħed.

48.11.17 Il-Kunsill irċieva tweġiba mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar it-talba tagħna sabiex nużaw il-fondi tal-Planning Development Fund għar-restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl. Is-Sur Enzo Cachia nfurmana li l-Kurja qeda toġġezjoni għal-iskedar u għalhekk l-fondi tal-PA ma jistgħux jintużaw għar-restawr. Nfurmana wkoll li bħalissa qed jiġi ffurmat bord konsultattativ sabiex din il-materja tkun tista tiġi diskussa u solvuta u għalhekk jista jkun li fil-futur qarib dan jista jkun possibli.

48.11.18 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill iħallas l-assigurazzjoni tas-saħħa għall-membri u l-ħaddiema tal-

KUNSILL LOKALI FONTANA

Kunsill. Dan il-ħlas irid isir sal-Ġimgħa, 9ta' Diċembru 2022. Kien hemm qbil.

48.11.19 Ċirkulari numru 9/2022 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Proġetti u Restawr fuq Wirt Kulturali li jsiru mill-Kunsilli Lokali. Din iċ-Ċirkulari tgħarraf lill-kunsilli li sejħiet dwar xogħol ta' konservazzjoni u restawr ta' patrimonju kulturali lokali fdat f'idejhom, għandhom jispeċifikaw li l-Konservatur illiċenżjat u kkwalifikat bil-warrant ta' Konservatur-Restawratur għandu jkun appuntant.

48.11.20 Is-Sindku semma li ra l-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex jpoġġu rampa fuq il-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokjali fu Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali u kellem lill-ħaddiema sabiex dan ix-xogħol jieqaf immedjatamet sakemm din tiġi diskussa fil-kunsill peress li kienet qed issir fuq propjeta tal-Kunsill mingħajr ma l-Kunsill ġie nfurmat. Dan ix-xogħol waqaf iżda tkompla l-għada. Wara rċivejna ittra mingħand il-Kappillan Rev. Simon M. Cachia fejn talab għal-feedback tal-kunsill sabiex titwaħħal rampa tal-ħadid u injam li se ssir fuq il-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali fi Trejqet iċ-Ċentru. Hu spjega li din ir-rampa ma hix waħda permanenti u li qed issir sabiex il-komunita tal-Fontana jkollha aċċess faċli għaċ-Ċentru u s-Sala tal-Parroċċa. Il-Kappillan reġa kiteb aktar tard fl-istess jum minħabba li kif spjega hu saret xi telefonata lill-kurja, sabiex jitlob skuża għal nuqqas ta' komunikazzjoni min-naħa tiegħu għaliex hu ħaseb li peress li x-xogħol se jsir mill-Ministeru Għal Għawdex kienu se jikkomunikaw magħna huma. Infurmana wkoll li r-railing li ġie kkontestat ġie mwiegħed li fil-futur qarib ser isir tal-istainless steel. Madanakollu l-għada x-xogħol tkompla u r-rampa saret. Is-Sindku rrimarka li r-rampa ma saritx skont il-permess maħruġ mill-Awtorita tal-Ippjanar għaliex ir-railing suppost li sar tal-injam bil-ġnub kellhom ukoll jingħalqu bl-injam peress li kif inhi hija perikoluża. Żid jgħid li jħoss li ma hemmx rispett lejn il-kunsill għaliex tali permess kellu jintalab qabel u mhux wara li x-xogħol kien diġa sar. Għalhekk il-Kunsill ma jistax jidħol responsabbli għal xogħol li ma sarx skont il-permess. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li f'dan il-każ issir amenda tal-permess. Is-Sindku żid jgħid li l-Ministeru Għal Għawdex fi tlett xhur qatt ma żebħu s-sinjali tat-toroq li hemm fi Triq il-Għajn u Triq L-Isptar San Ġiljan, li huma fir-responsabilita tagħhom u lanqas għenu biex jinżabbru s-siġar tal-ħarrub fi Triq Kardinal Alessandro Franchi.

48.11.21 Fil-15ta' Novembru 2022, nżammet il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Kommunita'.

48.11.22 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li l-Ġimgħa, 18ta' Novembru l-uffiċċjal tal-GO ġie jżur l-cardphone box u ġie diskuss li minħabba x-xogħolijiet li se jkunu qed isiru fil-playingfield, għalissa din titpoġġa

f'wieħed mill-garaxxijiet tal-kunsill. Huma jippreferu li din il-cardphone box terġa titpoġġa fejn kienet għaliex qegħdin jaħdmu fuq proġett għall-cardphone boxes eżistenti. Il-membri qablu li fl-istess post ma tistax terġa ssir minħabba l-bankina u n-nuqqas ta' wisa.

48.11.22 Talba mingħand resident sabiex jinżebħu l-linji sofor (*double yellow lines*) jew inkella ssir d-*disabled parking* madwar il-parkeġġ ta' quddiem il-garaxx tagħhom. Dan sabiex ikun jista joħroġ lil missieru li huwa diżabli u qed isibha diffiċli li jagħmel dan minħabba li qed jsib karozzi pparkjati u l-van ma tkunx tista tgħaddi. Il-membri qablu li għandna nibgħatu lil Transport Malta sabiex jsiru *d-double yellow lines.*

48.11.23 Talba mingħand resident sabiex jinqala l-fanal li hemm mal-propjeta numru 13 fi Triq il-Għajn sabiex jkun jista jsir xogħol ta' konstruzzjoni.

**48.13 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-Kunsilliera.

**48.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 37/2022 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2022 u t-22 ta' Novembru 2022 li tammonta għal €10,601.14 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Novembru.

**46.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-19.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, llum il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI FONTANA